**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

10 LEĠISLATURA

Minuti Numru 8

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar

Lill Membri kollha tal-kunsill Lokali.

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 8 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar **il-Erbgħa 11 ta' Dicembru 2024, fil-17:30 hrs**.
Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

**Sergio Carbonaro**
**Agent Segretarju Eżekuttiv** 7 ta' Novembru 2024

---

**Membri Preżenti**:

- Ċensu Galea Sindku
- Christopher Vella Petroni Viċi Sindku
- Alexander Agius Kunsillier
- Sandra Gauci Kunsillier
- Clevion Micallef Kunsillier
- Rachel Williams Kunsillier
- Daryl Connor Kunsillier
- Joseph Matthew Attard Kunsillier
- Alexandra Smart Costantino Kunsillier
- Mary Borg Kunsillier

Skużat

- Alfred Grima Kunsillier
- Alan Bugeja Kunsillier
- Anne Fenech Kunsillier

---

Sindku – Mayor: Ċensu Galea Viċi Sindku – Vice Mayor: Christopher Vella Petroni
Kunsilliera - Councillors: Alfred Grima, Alexander Agius, Anne Marie Fenech, Sandra Gauci, Daryl Connor, Rachel Antoinette Williams, Alan Bugeja, Clevion Micallef, Joseph Matthew Attard, Mary Borg Alexandra Smart Costantino. Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv – Acting Deputy Executive Secretary Sergio Carbonaro

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs

**8.1 Qari ta ittri t'apoloġija**

Il- kunsill rċieva avviż ta' apoloġija mingħand il-kunsillier Alfred Grima , il-kunsillier Alan Bugeja u il-kunsilliera Anne Fenech.

**8.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 7**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li ntbagħtu fil-ħin.

Il-Kunsillier Clevion Micallef li tkellem għan- nom tal-Kunsillier Alfred Grima, biex f'-punt 7.3 jiżdiedu mal-minuti dwar is-servizz tal-bulky dwar żieda fl-ispiza tkun imniżżla ta'45% mhux 30% komparat ma' Ġunju .
F'item 7.9 wara il-kliem 'l-ammont ta *overtime'* jiżdied il-kliem li dħul finanzjarju għal-kunsill mill- *bye laws* u dħul finanzjarju ieħor naqqas €17784 f'tlett xhur. Fuq din item kien hemm qbil li Segretarju Eżekuttiv jivverifika. Is-sindku saħaq li għalkemm dal kliem mhux f'attwalment korrett jekk ntqal ghandu jigi *recorded* fil- minuti.
Saret referenza ghal -ejmel mibughta il-Kunsillier Alfred Grima dwar il-minuti ta' laqgħa numru 7. Din ejmel għeda tkun annessa mal minuti ta 'laqgħa numru 8.
Is-sindku għamel referenza xi punti li tressqu mill-minuti tal- numru 7 mill-kunsillier Clevion Micallef għan-nom tal-kunsillier Alfred Grima li kien qed jirreferu għal-istess ejmel annessa mal-minuti.
Is-sindku qal li għandu jiġi ċċarat li fejn hemm referenza għal erba' deċiżjonijiet differenti f'sens li suġġett ġie diskuss u *recorded* f'erba' laqgħat separati tal-kunsill mhux li jinbidlu d-deċiżjonijiet..

Għall-approvazzjoni pproponiet il-kunsilliera Rachel Williams u ġew sekondati mill-kunsilliera Sandra Smart Costantino

Il-kunsill Approva

**8.3 Punti mill-minuti**

Ma kienx hemm

**8.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Ġnien Joseph P.Caruana**

Is-Sindku aġġorna lill-kunsill li xogħol li fadal hu jiġi mqabbad servizz ta' d-drenaġġ u li jsiru il-permessi meħtieġa minħabba li xogħol jrid jsir iktar l-isfel mit- triq mhux minn fejn oriġinali kellu jsir, għalhekk minħabba il-problema drenaġġ ix-xogħol ser jieħu aktar żmien minn kif kien mistenni.

.

**PA 7537/24 Applikazzjoni għal Lido**

Is-Sindku nforma lill-kunsill li l-Perit Mariello Spiteri għamel rappreżentazzjoni f'isem il-kunsill biex applikażżjoni tiġi refjutata.

**8.5 Deċiżjoni dwar tender ta latrini.**

Is-Sindku rrefera li kien hemm zewg *tenders* differenti waħda dwar il -latrini li diġa ġew irranġatti u oħrajn li ma sarx xoġħol ta' manutenzzjoni fihom Is-Sindku qal li ha jimxi fuq rakkomandazzjonjiet tal-bord u li jkun miftuha regolari u jinzammu nodfa.
Kien hemm qbil li jsiru spezzjonijiet spissi mill--*contract manager*.
Peress li fit *tenders* kien hemm iktar minn *bidder* wieħed li kellhom l-istess prezz, kien hemm qbil li kull wiehed mit-*tenderers* jingħata serviżż ta' waħda mill-latrini.

Is-Sindku issugerixxa li latrina ta' wara BOV kif inhi magħrufa biex tingħalaq minnufih minħabba l-istat ħazin ta -latrina. Il-kunsillier Clevion Micallef qal imma mhux biex tibqa magħluq imma jibdew proċeduri biex tiġi irranġata u terġa tinfetah għal pubbliku.

Il-Kunsill qabel dwar dawn il-proposti.

**8.6 Ittra ufficjali mill-IM u WSC**

Is-sindku spjega dwar l-ittra ufficjali li rrcieva il-kunsill minn IM u WSC fuq il-ħsarat meta kienet zfrundat it-triq ix- Xagħra tal-Bandieri, bil konsegwenza li nqasam il- pipe ta'dranaġġ u saru ħsarat sostanzjali.. Kien hemm qbil li l-kunsill jqabbad lil avukat tal-kunsill biex titwieġeb ittra li jrċievejna.

**8.7 PA 6823/21**

Is-Sindku nforma lil-kunsill dwar din applikazzjoni li qeda f 'stadju ta 'appell u kienet ġiet Irrifjutata.
Il-kunsill ser jitlob lil perit tal-kunsill biex jipprapara sotto missjoniiet f'isem il-kunsill.

**8.8 PA 7614/24**

Is-sindku nforma dwar applikażżjon għal bini ta' plot li tinsab fil bypass li ha jsir zvillupp ta' appartimenti u garaxxijiet. Il-kunsill nforma lil perit biex jaghmel oggeżżjonijiet f'isem il-kunsill.

**8.9 PA 7493/24**

Is-sindku nforma lil-kunsill dwar applikazzjonijiet dwar talba biex jiġu rranġatti ħitan ta'sejjeih. Is-sid applika ghal fondi ewropew- biex jaġħmel dan xogħol. Il-kunsill qabel li sakemm hija biss applikazzjoni biex jittranġaw ħitan ta'sejjieħ ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**8.10 PA 5908/23**

Is-sindku tkellem dwar applikażżjoni mill-*fisheries department. Għalkemm* applikazzjoni għadha f'stadju bikri dwar diversi rakkmondażżjonjiet li qegħdin jagħmlu , il-kunsill ser jkollu il-pozzjonijiet tiegħu meta jirċievi aktar dettalji

**8.11 Applikazzjoni u lokazzjoni għall-Luzzu.**

Saret diskuzzjoni dwar il-post fejn il-Luzzu għandu jiġi mqiegħed. Kien hemm qbil li jkun mqiegħed fl-Erba Mwieżeb u jsir applikazzjoni ma' l-Awtorita ta l-ipjanar.

Proponiet il-kunsilliera Mary Borg u sekonda l-kunsillier Alex Agius.

**8.12 Tabelli One ways triq Tamar u triq il-Port Ruman**

Is-sindku ssugerixxa li jinħatar bord magħmul mill-kunsilliera stess u dan wara li saret diskuzzjoni b'diversi suġġerementi mill-kunsilliera. Il-Kunsillier Clevion Micallef issugerixxa li jsir konsultazzjonijiet ma' residenti li jogħodu f' dawn toroq msemmija u anki jsir konsultazzjoni ma' Transport Malta. Kien hemm qbil li kull deċizzjoni li ttiehed tkun qed tiġi quddiem il-kunsill.
Kien hemm qbil unanimu li l-bord jkun magħmul mis-Sindku , Viċi Sindku, Kunsilliera Sandra Gauci Il-Kunsillier Alan Bugeja, u il-Kunsillier Daryl Connor.

Il-kunsilliera Sandra Gauci giet skuzata f 18.35.

**8.13 Laqgħa Reġjun informazzjoni.**

Is-Sindku sahaq li reġa tkellem u ilmenta fuq il-ġbir ta l-iskart specjalment dak li ġħandu x' jaqsam mall -ġranet tal ġbir tal- borza sewda u li l-kunsill għadu mhux sodisfatt, u l-inkonvenjenzi qed toħloq din sitwazzjoni.

**8.14 Laqgħa Annwali ma' Residenti u pjan ta'ħidma tal-Kunsilliera.**

Is -sindku issuġġerixxa li l-laqġħa annwali mar- residenti ssir f'26 ta'Jannar 2025, u kien ha jkellem il-kapillan biex nagħmlu uzu mis sala. Is-sindku zied li kien nforma lid-dipartment li laqgħa annwali ha jsir f'Jannar.
Kien hemm qbil unanimu dwar id-data u l-post fejn ha jsir il-laqgħa.

**8.15 Skema Finanzjament Karnival 2025**

Is-sindku nforma li l-kunsill applika għal fondi għall-karnival ta' xitwa u jekk il- fondi jiġu approvati jkun nistgħu norganizzaw il-karnival fil-lokalita. Is-sindku saħaq li l-kunsill ser jibda japplika kull skema li toħroġ, u talab li jkollu approvazzjoni tal-kunsill li kull skema li jkun hemm napplikaw għaliha.

Kien hemm qbil unanimu li kull applikazzjoni li jsir għal-fondi jkun infurmat l-istess kunsill.

**8.16 Regeneration Plan**

Is-sindku nforma dwar laqgħa li kellu ma' aġenzija ta' *Tourism Zones* , li dawn informah dwar studju li qed jagħmlu fuq lokalita li hemm wkoll diversi konsulenti involuti fuq dan il-proċess .Dan il-proċess ha jsir matul sena dieħla 2025.Is-sindku għamel referenza għal- xogħol li ha jibda fil-pjazza ta' Buġibba fil-bidu ta' Jannar.

**8.17 Rapporti/jew Approvazzjonijiet ta’Rapport**

Ma kienx hemm

**8.18 Tweġibiet għal-mistoqsijiet tal-kunsilliera.**

Ma kienx hemm

**8.19 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizz**

Kien hemm qbil l-anzjani li jattendu l-ħarga tal-Milied organizzata mill kunsill jħallsu €10 .

**8.20 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Il-kunsillier Daryl Conner ippropona u l-kunsilliera Mary Borg sekondat rispettivament li l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata kif mressqa lill-kunsill

Il-kunsill approva.

**8.21 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-19.20 u aġġornat għal-Hamis 9 ta’ Jannar fil 17.30

---